# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 29 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Aleko Phandeevi**

**Kumpilazzjoni Nru: 295/2018**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Aleko Phandeevi maghruf bhala Aleko Archuadze u/jew Aleko Gorigisheli u/jew Aleko Khomasuridze u/jew Aleko Purichamiashvili u/jew Aleko Xomasuridze, ta' 35 sena, iben Daviti, imwieled Georgia fit-13 ta' April 1983, residenti f'indirizz mhux maghruf u detentur tal-karta ta' l-identita' Georgiana bin-numru 01004011387.

U akkuzat talli:-

1. Bejn il-05 u s-07 ta' Settembru 2017, minn gewwa l-appartament bin-numru 2 fil-blokka bl-isem Pulena, numru 28, li tinsab fi Triq R. Caruana Dingli, San Gwann, ikkommetta serq ta' flus u gojjelerija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mexx, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,3290.37) u bil-lok u dan ghad-detriment tal-familja Grech u/jew persuna jew persuni ohra;

2. Fit-12 ta' Frar 2010 ghall-habta ta' 15:15hrs u 15:30hrs minn gewwa l-hanut bl-isem ta' Sterling Jewellers li jinsab gewwa Triq ir-Repubblika Valletta, ikkommetta serq ta' 21 arlogg tal-idejn li l-valur taghhom huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur li sar ghad-detriment tas-sidien tal-imsemmi hanut u/jew persuna/i ohra;

3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat f'l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 17, 31 u 533 tal-Kapiitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(g), 279(b), 278 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 261(b)(c), 263(a), 267, 279(b), 278 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 383, 3845 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu, kif ukoll l-ammissjoni ghalkemm f'dan l-istadju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269(g) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikundannah **tlett snin prigunerija**. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn disgha mija wiehed u sebghin Euro u tmeinja u sebghin centezmu (€2,971.78)** rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**